# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1214

KAZ NRU. 1461

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin

u

Sant'Iermu Shipping Co Ltd

dwar hlasijiet dovuti lill-ex-impjegat Vincent Bartolo

Data : 26 ta' Lulju, 2001

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

**Membru : Is-sur Alfred Mallia Milanes**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata l-1 t'Awissu 2000 b'riferenza MSP/2/97/24 biex jisma' u jiddeciedi t-Tilwima ta' Xoghol bejn il-partijiet skond l-Att XXX tal-1976.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

Fl-Istqarrija tal-kaz, il-Union Haddiema Maghqudin sostniet li l-partijiet kienu lahqu ftehim dwar hlas ghat-temm ta' l-impjieg ta' numru ta' haddiema li kienu gew dikjarati "redundant" u li minkejja li kienu ftehmu kemm kellu jithallas ghal kull sena mpjieg, il-kumpanija hallset ammont li ma kienx ikopri s-snin tas-servizz kollu lil wiehed mill-haddiema u talbet lit-Tribunal jordna l-hlas tal-bilanc dovut.

Fl-Istqarrija tal-kaz taghha, il-kumpanija sostniet li kienet hallset l-ammont miftiehem peress li l-impjieg tal-haddiem koncernat kien beda f'Ottubru 1995 u mhux f'Awissu, 1992.

Irrizulta mix-xhieda ta' Frank Sammut, Direttur tal-kumpanija illi l-ammont imhallas kien gie kkalkolat fuq is-servizz li l-impjegat kien ghamel mal-kumpanija u li ma kienx gie kkalkolat servizz precedenti li kien sar mal-Mediterranean Offshore Bunkering Co Ltd., peress li l-impjegat kien irrizenja volontarjament u kien mar jahdem ma' kumpanija ohra u wara dan il-perijodu, kien gie mpjegat mal-kumpanija parti ta' din it-Tilwima.

Jidher li kien hemm certa konfuzjoni b'impjegati tal-M.O.B.C. jintbaghtu jahdmu mal-kumpanija ntimata, pero' meta gew ghall-kalkolu tal-kumpens, il-Management ikkunsidra s-servizz kollu, meta tali servizz kien kontinwu bejn iz-zewg kumpaniji.

Is-sur Gejtu Tanti, President tal-U.H.M., xehed, li hu kien prezenti meta ntlahaq il-ftehim fuq ir-rata ta' kumpens li kellha tithallas, imma ma qablux fuq dak li kellu jkun intitolat Vincent Bartolo; ghamlu rizerva u kellhom jirrikorru lejn it-Tribunal Industrijali.

Mic-certifikat tal-E.T.C. jidher li Vincent Bartolo kien ittermina l-impjieg mal-M.O.B.C. fit-12 t'April, 1995; li hadem mal-Virtu' Ferries mit-12 t'April, 1995 sas-16 ta' Settembru, 1995; li kien bla mpjieg mis-17 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru, 1995; u li hadem mas-Sant'Iermu Shipping Co Ltd mill-1 t'Ottubru, 1995.

Jidher ukoll li haddiem iehor, Lawrence Abdilla, kien hadem mal-M.O.B.C. mill-14 ta' Settembru, 1992 sad-19 ta' Marzu 1995 u mal-kumpanija ntimata mill-20 ta' Marzu, 1995 u li kien inghata hlas ta' tmiem l-impjieg qiesu li kien hadem dejjem mal-Sant'Iermu Shipping Co Ltd sa mill-14 ta' Settembru, 1992.

Ghalhekk it-tilwima ma kienetx dovuta ghall-konfuzjoni bejn iz-zewg kumpaniji ghax is-servizz ta' Abdilla mal-M.O.B.C. tqies li kien mas-Sant'Iermu Shipping Co Ltd peress li kien uninterrot u ghalhekk in-nuqqas ta' qbil kien, jekk servizz mitmum volontarjament, kellux jigi kkunsidrat ghall-kumpens ta' tmiem l-impjieg - u tali decizjoni giet imhollija mill-kontendenti lil dan it-Tribunal Industrijali.

Il-paragun irid ikun "like with like". Ghalkemm Bartolo, Abdilla u Mercieca, it-tlieta kienu mpjegati mal-M.O.B.C. u wara mas-Sant'Iermu Shipping Co Ltd., il-perijodu ta' Bartolo mal-M.O.B.C. biss kien mifrud minn servizz ma' kumpanija ohra, u anke b'perijodu ta' disimpjieg, waqt li Abdilla u Mercieca kellhom servizz bla interruzzjoni maz-zewg kumpaniji.

It-Tribunal, li ma kellux kopja tal-ftehim *"Ad hoc"*, peress li kien sar verbalment, kellu jaghti l-interpretazzjoni ragonevoli li diretturi mistennija jiehdu f'kaz simili, u jaqbel mal-interpretazzjoni tal-kumpanija, li servizz li gie mitmum volontarjament, ma ghandux jitqies ghall-kumpens.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

------------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

------------------------
**Alfred Mallia Milanes**
**MEMRBU**

----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

<u>KAZ 1461</u>

B'riferenza ghad-decizjoni li waslu ghaliha c-*Chairman* u membru iehor tal-*panel* dwar dan il-kaz, jien, Edward Abela, bhala l-membru l-iehor fuq l-istess Tribunal Industrijali, nixtieq nissottometti illi l-appellant Vincent Bartolo kellu kull ragun ihossu li gie diskriminat mill-Kumpannija dwar hlas li gie moghti lit-tliet impjegati l-ohra taghha wara li dawn gew dikjarati *redundant*. Dan ghar-raguni semplici u unika li anke wiehed mill-ufficjali gholja tal-Kumpannija esprima ruhu b'mod l-aktar lampanti li wiehed mill-istess impjegati ma kellux jithallas dak l-ammont li fil-fatt thallas. Immaterjalment minn xi raguni ohra li tista' tiftiehem li l-*management* kien korrett fir-rigward ta' Vincent Bartolo, jien xorta nsostni li fil-fatt saret diskriminazzjoni, u li l-appellant Vincent Bartolo ghandu jinghata dak il-hlas taz-zmien kollu li hu kien hadem kemm ma' l-MOBC kif ukoll mas-Sant'Iermu Shipping Co. Ltd.

Edward F. Abela

Membru

26/07/2001